IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2015
COM(2015) 286 final

2015/0125 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Aġenda Ewropea komprensiva dwar il-Migrazzjoni[1] fit-13 ta' Mejju 2015, li tispjega, minn naħa, il-miżuri immedjati li se jiġu proposti mill-Kummissjoni sabiex twieġeb għas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-Mediterran u, min-naħa l-oħra, l-inizjattivi fuq terminu medju u twil li jeħtieġ li jittieħdu sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet strutturali ħalli tiġi ġestita aħjar il-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha.

Bħala parti mill-miżuri immedjati, il-Kummissjoni ħabbret li sal-aħħar ta' Mejju se tipproponi mekkaniżmu li jixpruna s-sistema ta' rispons għal emerġenza prevista skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-aġenda tirrikonoxxi li llum is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri qed jiffaċċjaw pressjoni bla preċedent, u li l-volum ta' wasliet b'mod partikolari fl-Istati Membri li jkunu l-ewwel art, il-kapaċitajiet ta' akkoljenza u ta' pproċessar tagħhom, diġà jinsabu mwasslin sal-limitu tagħhom. L-Aġenda ħabbret li l-proposta sabiex jissejjaħ inkawża l-Artikolu 78(3) se tinkludi skema ta' tqassim temporanju għall-persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ġusta u bbilanċjata mill-Istati Membri kollha f'dan l-isforz komuni. Gwida għat-tqassim mill-ġdid ġiet inkluża fl-Anness ta' mal-Aġenda, abbażi tal-kriterji msemmija fiha (il-PDG, id-daqs tal-popolazzjoni, ir-rata tal-qgħad u l-aħħar għadd ta' persuni li fittxew ażil u ta' refuġjati risistemati).

L-Aġenda enfasizzat li r-rispons rapidu li jittieħed bħala tweġiba għall-kriżi attwali fil-Mediterran irid iservi bħala pjan ta' azzjoni għar-reazzjoni tal-UE quddiem kriżijiet futuri, tkun liem tkun il-parti tal-fruntiera esterna komuni li tiġi taħt pressjoni mil-Lvant sal-Punent u mit-Tramuntana san-Nofsinhar.

1.2. Is-sejħa inkawża tal-Artikolu 78(3) tat-Trattat fir-rigward tal-Italja u l-Greċja

Bħala parti mill-politika komuni dwar l-ażil, l-Artikolu 78(3) tat-Trattat jipprovdi bażi legali speċifika sabiex jiġu ttrattati s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni Ewropea, dan jippermetti lill-Kunsill, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, li jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru(i) li jiffaċċja(w) sitwazzjoni ta' emerġenza, kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru jew aktar. Il-miżuri provviżorji previsti mill-Artikolu 78(3) huma ta' natura eċċezzjonali. Dawn jistgħu jissejħu inkawża biss meta jintlaħaq ċertu livell ta' urġenza u ta' severità minħabba l-problemi li jinħolqu fis-sistema tal-ażil tal-Istat(i) Membru(i) minħabba dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, l-istqarrija reċenti tal-Kunsill Ewropew[2] u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew[3] ippreżentati b'segwitu għat-traġedji reċenti fil-Mediterran, kollha jaqblu dwar il-ħtiġijiet urġenti u speċifiċi li l-Istati Membri tal-ewwel art jiffaċċjaw, u dwar il-bżonn li tissaħħaħ is-solidarjetà interna, u jipproponu miżuri konkreti sabiex jiġi pprovdut appoġġ lill-Istati Membri l-aktar milquta.

L-informazzjoni statistika dwar l-għadd ta' wasliet irregolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istati Membri fl-2014 u fl-2015, inklużi dawk li jidhru b'mod ċar jidher li jeħtieġu protezzjoni

[1] COM(2015) 240 finali, 13.5.2015.

[2] Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (it-23 ta' April 2015), id-Dikjarazzjoni, EUCO 18/15.

[3] P8_TA(2015)0176, it-28 ta' April 2015.

internazzjonali, tikkonferma li fil-preżent żewġ Stati Membri li huma l-ewwel art, jiġifieri l-Italja u l-Greċja, qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni migratorja eċċezzjonali.

Skont id-dejta tal-Frontex, ir-rotot tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant kienu effettivament iż-żoni prinċipali għall-qsim irregolari tal-fruntieri fl-UE fl-2014, li jirrappreżenta aktar minn 75 % tat-total tal-UE tal-qsim irregolari tal-fruntieri. Fl-2014 iktar minn 170 000 migrant waslu b'mod irregolari biss biss fl-Italja, li jirrappreżentaw żieda ta' 277 % meta mqabbel mal-2013. Kien hemm żieda kostanti wkoll fil-Greċja b'aktar minn 50 000 migrant irregolari li wasal fil-pajjiż, li jirrappreżentaw żieda ta' 153 % meta mqabbel mal-2013. L-istatistiċi tal-ewwel xhur tal-2015 jikkonfermaw din it-tendenza ċara fir-rigward tal-Italja. Barra minn hekk, il-Greċja fl-ewwel erba' xhur tal-2015 iffaċċjat żieda qawwija fl-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntieri, li tikkorrispondi għal aktar minn 50 % tal-għadd totali tal-qsim irregolari tal-fruntieri fl-2014 (kważi 28 000 fl-ewwel erba' xhur tas-sena 2015 meta mqabbel mal-għadd totali ta' kważi 55 000 fl-2014). Proporzjon sinifikanti min-numru totali ta' migranti irregolari misjuba f'dawn iż-żewġ reġjuni inkluda l-migranti ta' nazzjonalitajiet li, abbażi tad-dejta tal-Eurostat, fil-livell tal-UE laħqu rata ta' rikonoxximent għolja (fl-2014, is-Sirjani u l-Eritrej, li għalihom ir-rata ta' rikonoxximent fil-livell tal-UE hija aktar minn 75 %, kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % fl-Italja u aktar minn 50 % fil-Greċja).

Skont il-Eurostat, 64 625 persuna applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Italja fl-2014, meta mqabblin mas-26 920 tal-2013 (żieda ta' 143 %). Il-Greċja rat żieda iżgħar fl-għadd ta' applikazzjonijiet, b'9 430 applikant (żieda ta' 15 %).

Skont id-dejta tal-Frontex, rotta migratorja importanti oħra lejn l-UE fl-2014 kienet ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, bi 43 357 qasma irregolari tal-fruntieri (15 % tat-total tal-qsim irregolari tal-fruntieri tal-UE). Madankollu, il-maġġoranza tal-migranti li jużaw ir-rotta tal-Balkani mhumiex, *prima facie,* fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, bil-Kosovari li jammontaw għal 51 % tal-wasliet.

Il-qagħda ġeografika tal-Italja u tal-Greċja, bil-kunflitti li għaddejjin fir-reġjun tal-viċinat immedjat tagħhom, tagħmilhom aktar vulnerabbli minn Stati Membri oħra fil-futur qrib, bi flussi mingħajr preċedent ta' migranti li mistennija li jkomplu jidħlu fit-territorju tagħhom. Dawn il-fatturi esterni ta' żieda fil-pressjoni migratorja jkomplu jżidu man-nuqqasijiet strutturali eżistenti fis-sistemi tal-ażil tagħhom, u jkomplu jqajmu dubju dwar il-kapaċità tagħhom li jittrattaw b'mod adegwat ma'din is-sitwazzjoni ta' pressjoni għolja.

L-ebda wieħed mill-Istati Membri l-oħra ma jidher attwalment li jinsab f'sitwazzjoni ta' emerġenza bħal dik esperjenzata mill-Italja u mill-Greċja, b'livelli għoljin simili fl-għadd ta' wasliet irregolari, bi proporzjon għoli ta' persuni li b'mod ċar għandhom bżonn tal-protezzjoni internazzjonali, flimkien mas-sistemi ta' ażil tagħhom li huma serjament vulnerabbli.

Għaldaqstant, ix-xenarju migratorju attwali fl-Italja u l-Greċja huwa uniku fl-UE, u l-pressjoni fuq il-kapaċità tagħhom sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u sabiex jipprovdu kundizzjonijiet ta' lqugħ adegwati kif ukoll il-perspettivi għall-integrazzjoni lil persuni li evidentement għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, tirrikjedi li l-Istati Membri kollha l-oħra juru solidarjetà.

L-iżviluppi fil-flussi migratorji se jibqgħu jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha, fosthom Malta, li minħabba sitwazzjoni ġeografika simili għall-Italja u l-Greċja, fl-imgħoddi ttrattat emerġenzi simili. Għalhekk, miżuri simili jistgħu jissejħu inkawża fil-futur fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Din il-proposta hija ppreżentata bħala riżultat ta’ kriżi prevalenti fil-qasam tal-ażil fl-Italja u l-Greċja. Sabiex jiġi evitat aktar deterjorament fis-sitwazzjoni tal-ażil ta' dawn iż-żewġ pajjiżi kif ukoll jiġu pprovduti b'appoġġ effettiv, il-Kummissjoni kellha tirreaġixxi b’mod rapidu u tippreżenta minnufih il-proposta tagħha bbażata fuq l-Artikolu 78(3) tat-Trattat sabiex tiġi adottata malajr mill-Kunsill u jiġu implimentati mill-Istati Membri l-miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja.

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-atturi ewlenin diġà esprimew l-opinjonijiet ġenerali tagħhom dwar dan is-suġġett. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-23 ta’ April 2015, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu li jikkunsidra l-opzjonijiet biex jorganizza r-rilokazzjoni ta’ emerġenza bejn l-Istati Membri kollha fuq bażi volontarja. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta’ April 2015, il-Parlament Ewropew kien talab lill-Kunsill biex jikkunsidra serjament il-possibbiltà li jsejjaħ inkawża l-Artikolu 78(3) tat-Trattat.

L-UNHCR[4] appella lill-UE biex timpenja ruħha favur l-għodod ta' solidarjetà intra-UE sabiex ikunu appoġġjati b’mod partikolari l-Greċja u l-Italja, anki billi jiġu rilokati r-refuġjati Sirjani, li jiġu salvati mill-baħar, f'pajjiżi differenti madwar l-Ewropa, abbażi ta' sistema ta’ tqassim ġust. Is-settur tal-NGOs esprima ukoll l-opinjoni tiegħu dwar il-kwistjoni tar-rilokazzjoni ta’ persuni li għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali[5].

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

L-għan ta’ din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja, sabiex ikunu jistgħu jittrattaw b’mod effettiv mad-dħul sinifikanti attwali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fit-territorji tagħhom, li jpoġġu piż fuq is-sistemi ta’ ażil tagħhom.

Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni jinvolvu deroga temporanja mill-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 u mill-passi proċedurali, inklużi l-limiti ta’ żmien, stabbiliti fl-Artikoli 21, 22 u 29 ta’ dan ir-Regolament. Is-salvagwardji legali u proċedurali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv, jibqgħu applikabbli fir-rigward ta’ applikanti li huma koperti minn din id-Deċiżjoni.

F’konformità mal-Artikolu 78(3), il-miżuri li jistgħu jittieħdu għall-benefiċċju ta’ Stat Membru jridu jkunu provviżorji. Fl-istess ħin, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri meħuda jkollhom impatt reali fil-prattika u jipprovdu appoġġ ġenwin lill-Italja u l-Greċja, sabiex ikunu jistgħu jaffrontaw id-dħul tal-migranti, it-tul ta’ żmien ta’ dawn il-miżuri ma għandux ikun qasir wisq. Għaldaqstant qed jiġi propost li jiġu applikati l-miżuri provviżorji previsti f’din il-proposta għal perjodu ta’ 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Deċiżjoni.

Il-miżuri provviżorji previsti minn din il-proposta huma marbutin l-ewwel u qabel kollox mar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, li *prima facie* jidher li għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali mill-Italja u mill-Greċja u mill-Istati Membri l-oħra.

---

4 Il-proposti tal-UNHCR sabiex jiġu indirizzati l-wasliet attwali u futuri tal-persuni li jfittxu ażil, tar-refuġjati u tal-migranti bil-baħar lejn l-Ewropa, Marzu 2015, disponibbli fuq: http://www.refworld.org/docid/55016ba14.html.

5 Ara pereżempju l-pjan ta' Għaxar punti tal-ECRE biex jiġu evitati l-imwiet fuq il-baħar, it-23 ta’ April 2015, disponibbli fuq: www.ecre.org.

L-Istati Membri l-oħra, definiti fil-proposta bħala "l-Istati Membri għar-rilokazzjoni", jkollhom ir-responsabbiltà li jeżaminaw l-applikazzjoni tal-persuna li tkun ser tiġi rilokata. L-analiżi tal-applikazzjoni titwettaq skont ir-regoli stipulati fid-Direttiva 2011/95/UE u d-Direttiva 2005/85/KE, u mill-20 ta' Lulju 2015, skont id-Direttiva 2013/32/UE li tieħu post id-Direttiva 2005/85/KE. Il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jingħataw skont ir-regoli stipulati fid-Direttiva 2003/9/KE, u mill-20 ta' Lulju 2015 skont id-Direttiva 2013/33/UE, li tieħu post id-Direttiva 2003/9/KE.

Il-proposta tistabbilixxi mira numerika għall-applikanti li jridu jiġu rilokati mill-Italja u mill-Greċja, jiġifieri 24 000 u 16 000 rispettivament, u tinkludi fl-annessi tagħha żewġ gwidi għat-tqassim li jiddefinixxu l-għadd ta' applikanti li għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja rispettivament għand l-Istati Membri l-oħra. Din l-allokazzjoni bejn l-Italja u l-Greċja hija bbażata fuq is-sehem rispettiv li għandhom mill-għadd totali ta' qsim irregolari tal-fruntieri lejn l-Italja u l-Greċja ta' persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali. Din tieħu inkonsiderazzjoni wkoll taż-żieda qawwija fl-għadd ta' qsim illegali tal-fruntieri fil-Greċja fil-perjodu bejn Jannar u April tal-2015, meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Qed jiġi propost li l-Italja u l-Greċja ma jagħtux il-kontribut tagħhom bħala Stati Membri għar-rilokazzjoni. It-total ta' 40 000 applikant li għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 40 % tal-għadd totali ta' persuni li daħlu b'mod irregolari f'dawn iż-żewġ pajjiżi fl-2014, u li b'mod ċar għandhom bżonn tal-protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, il-miżura ta' rilokazzjoni proposta f'din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qsim ġust tal-piż bejn l-Italja u l-Greċja fuq naħa waħda, u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra.

<u>Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni</u> hija limitata minn żewġ aspetti.

L-ewwel nett, qed jiġi propost li din id-Deċiżjoni tiġi applikata biss fir-rigward ta' applikanti li, *prima facie*, għandhom bżonn b'mod ċar tal-protezzjoni internazzjonali. Din il-proposta tiddefinixxi dawn l-applikanti bħala dawk li jappartjenu għal nazzjonalitajiet li għalihom ir-rata medja ta' rikonoxximent tal-UE kif stabbilita mill-Eurostat hija ogħla minn 75 %.

It-tieni, qed jiġi propost li din id-Deċiżjoni tkun tapplika biss għal dawk l-applikanti li għalihom l-Italja jew il-Greċja jkunu fil-prinċipju l-Istat Membru responsabbli, skont il-kriterju tat-teħid tar-responsabbiltà, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 604/2013. Permezz ta' dan, jiġi żgurat li r-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqa' applikabbli fir-rigward ta' dawk l-applikanti li jinsabu fl-Italja u l-Greċja, inkluż dawk b'rata ta' rikonoxximent ogħla minn 75 %, li għalihom wieħed mill-kriterji oġġettivi stipulati f'dan ir-Regolament (pereżempju l-preżenza ta' membri tal-familja fi Stat Membru ieħor) jindika li Stat Membru ieħor ikun risponsabbli. Dawn l-applikanti għaldaqstant jiġu ttrasferiti għall-Istati Membri l-oħra billi jiġi applikat ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, u mhux bħala parti mill-miżuri provviżorji previsti f'din il-proposta. Fl-istess ħin, ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqa' applikabbli wkoll fir-rigward ta' dawk il-persuni li ma jkunux ġew rilokati skont l-iskema preżenti, u li jistgħu jintbagħtu lura lejn l-Italja mill-Istati Membri l-oħra. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, is-sitwazzjoni hija differenti għall-Greċja, fejn l-i*status quo* huwa li l-Istati Membri jkunu ssospendew it-trasferimenti ta' Dublin lill-Greċja, permezz tal-implimentazzjoni tas-sentenza għal *M.S.S. vs il-Belġju u l-Greċja* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, segwita bid-deċiżjoni dwar *N.S. vs ir-Renju Unit* tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li kkonfermaw l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-persuni li jfittxu ażil fil-Greċja.

Il-proposta tistabbilixxi <u>proċedura sempliċi ta' rilokazzjoni</u>, sabiex jiġi żgurat it-trasferiment rapidu tal-persuni kkonċernati lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Kull Stat Membru jaħtar

punt ta' kuntatt nazzjonali bl-għan li tiġi implimentata din id-Deċiżjoni u tiġi kkomunikata lill-Istati Membri l-oħra u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO). L-Italja u l-Greċja, bl-assistenza tal-EASO, u fejn applikabbli, permezz tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri, f'perjodi regolari taż-żmien jidentifikaw l-applikanti li jistgħu jiġu rilokati. Meta jsir dan, għandha tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli. L-Italja u l-Greċja mbagħad jikkomunikaw l-għadd preċiż ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati lill-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra u lill-EASO. L-Istati Membri l-oħra jindikaw in-numru ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati immedjatament fit-territorju tagħhom u kull informazzjoni rilevanti oħra, bħal fir-rigward tal-akkoljenza ta' familji jew applikanti vulnerabbli. Deċiżjoni formali biex jiġi rilokat applikant imbagħad trid tittieħed mill-Italja jew mill-Greċja, u tiġi nnotifikata lill-applikant. Il-proposta tispeċifika li l-applikanti li jkun meħtieġ li jittieħdulhom il-marki tas-swaba' skont l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 ma jistgħux jiġu rilokati jekk ma jittieħdulhomx il-marki tas-swaba'. Il-proposta tispeċifika wkoll li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jirrifjutaw li jirrilokaw applikant li probabbilment dwaru hemm tħassib marbut mas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku. Il-proposta tipprevedi li l-passi proċedurali kollha jridu jitwettqu mill-aktar fis possibbli, u li f'kull każ, it-trasferiment tal-applikant irid isseħħ mhux iktar tard minn xahar wara li jiġi identifikat bħala applikant li għandu jiġi rilokat. Fl-aħħar nett, il-proposta tispeċifika wkoll li għal skopijiet marbutin mal-proċedura ta' rilokazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jibagħtu l-Italja u l-Greċja lill-uffiċjali ta' kollegament.

Jidher ċar li l-impenn sħiħ u l-kooperazzjoni ġenwina tal-Istati Membri, fil-qafas tal-appoġġ ikkoordinat li għandu jiġi pprovdut mill-EASO, huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri provviżorji previsti.

Minbarra r-rilokazzjoni, il-proposta tistabbilixxi miżuri oħra ta' appoġġ li għandhom jingħataw lill-Italja u lill-Greċja fuq il-post stess. B'mod partikolari, il-proposta tipprevedi żieda fl-appoġġ ipprovdut minn Stati Membri oħra lill-Italja u lill-Greċja taħt il-koordinazzjoni tal-EASO u ta' Aġenziji oħra rilevanti. L-għan huwa li l-Italja u lill-Greċja jingħataw għajnuna b'mod partikolari għall-iskrinjar u fl-ewwel fażijiet tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'din il-proposta (b'mod partikolari l-għoti ta' informazzjoni u ta' assistenza speċifika lill-persuni kkonċernati u l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tat-trasferimenti).

Il-proposta tistipula wkoll l-obbligu li l-Italja u l-Greċja jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan direzzjonali li jkun jinkludi miżuri adegwati fil-qasam tal-ażil, l-ewwel akkoljenza u r-ritorn, it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tagħhom f'dawn l-oqsma, kif ukoll miżuri sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni. Il-proposta tipprevedi l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tissospendi, f'ċerti ċirkustanzi, l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Il-proposta tinkludi garanziji speċifiċi u obbligi għall-applikanti li huma suġġetti li jiġu rilokati fi Stat Membru ieħor. Il-proposta tispeċifika d-dritt li persuna tirċievi informazzjoni dwar il-proċedura tar-rilokazzjoni, id-dritt li tiġi nnotifikata bid-deċiżjoni ta' rilokazzjoni dwar l-Istat Membru speċifiku ta' rilokazzjoni, u d-dritt li tiġi rilokata ma' membri tal-familja fl-istess Stat Membru ta' rilokazzjoni. Il-proposta tfakkar ukoll fl-obbligu li l-ewwel kunsiderazzjoni trid tingħata fl-aħjar interessi tat-tfal meta jiġi deċiż l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Dan jimplika *inter alia*, l-obbligu għall-Italja u l-Greċja biex jindikaw lill-Istati Membri l-oħra meta l-applikant li jrid jiġi rilokat huwa minorenni mhux akkumpanjat u, flimkien mal-Istat Membru li wera interess fir-rilokazzjoni ta' dan il-minuri, jiżguraw li qabel isseħħ ir-rilokazzjoni, titwettaq evalwazzjoni dwar l-aħjar interessi tat-tifel / tifla, f'konformità mal-Kumment Ġenerali Nru 14 (2013) tal-Kumitat tan-NU dwar id-dritt tat-tfal

li għandu jkollhom l-aħjar interessi tagħhom ikkunsidrati bħala l-ewwel ħaġa[6]. Il-proposta tfakkar ukoll dwar il-konsegwenzi tal-movimenti sekondarji tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li kienu parti minn skema ta' rilokazzjoni bbażata fuq il-liġi tal-UE applikabli fil-preżent, jiġifieri meta jidħlu mingħajr awtorizzazzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor barra minn dak li jkun responsabbli (f'dan il-każ, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni).

Il-proposta tfakkar fil-possibbiltà, li ġejja mill-Artikolu 78(3) tat-Trattat, għall-Kunsill, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni u wara li jkun ġie kkonsultat il-Parlament Ewropew, li jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' Stat Membru, apparti l-Italja jew il-Greċja, li jkun qed jiffaċċja l-istess sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi li tali miżuri jistgħu jinkludu, fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Il-proposta tispeċifika li l-miżuri ta' rilokazzjoni previsti f'din id-Deċiżjoni se jibbenefikaw mill-appoġġ finanzjarju tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 516/2014. Għal dan l-għan, l-Istati Membri ta' rilokazzjoni jirċievu s-somma f'daqqa ta' EUR 6 000 għal kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali, rilokat mill-Italja u mill-Greċja skont din id-Deċiżjoni. Dan l-appoġġ finanzjarju se jiġi implimentat billi jiġu applikati l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

Il-proposta tesiġi li l-Italja u l-Greċja jirrappurtaw kull tliet xhur dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-pjanijiet direzzjonali, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Fl-aħħar nett, il-proposta tispeċifika li din id-Deċiżjoni tapplika biss għall-persuni li jaslu fit-territorju tal-Italja u l-Greċja mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni ser tiġi applikata wkoll għall-applikanti li jkunu waslu fit-territorju ta' dawn l-Istati Membri mill-15 ta' April 2015, id-data li qribha seħħew l-avvenimenti traġiċi li xprunaw lill-Kunsill Ewropew sabiex jiddeċiedi li jsaħħaħ is-solidarjetà u r-responsabbiltà interni, u sabiex jimpenja ruħu b'mod partikolari biex lill-Istati Membri tal-ewwel art tiżdidilhom l-assistenza ta' emerġenza.

3.2. Bażi legali

Il-bażi legali għad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill huwa l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 21 anness mat-TFUE dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ir-Renju Unit u l-Irlanda fil-Kunsill, ma jiħdux sehem fl-adozzjoni tal-miżuri proposti skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jinnotifikaw lill-Kunsill, fi żmien tliet xhur wara li proposta jew inizjattiva tkun ġiet ippreżentata, jew fi kwalunkwe ħin wara l-adozzjoni tagħhom, li jixtiequ jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' xi miżuri proposti bħal dawn.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri proposti skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Id-Danimarka fi kwalunkwe żmien tista', skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħha, tinnotifika lill-Istati Membri l-oħra li tixtieq tapplika b'mod sħiħ il-miżuri rilevanti kollha adottati abbażi tat-Titolu V tat-TFUE.

[6] http://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC_C_GC_14_ENG.pdf.

Il-Komunità Ewropea kkonkludiet ftehimiet mal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein biex jingħaqdu mal-"acquis ta' Dublin/Eurodac" (ir-Regolament 343/2003 sostitwit mir-Regolament 604/2013 u r-Regolament 2725/2000, li se jinbidel bir-Regolament 603/2014). Din il-proposta ma tikkostitwixxix żvilupp tal-"acquis ta' Dublin/Eurodac", u għalhekk ma hemm l-ebda obbligu f'isem l-Istati assoċjati sabiex jinnotifikaw lill-Kummissjoni li aċċettaw din id-Deċiżjoni, ġaladarba tiġi approvata mill-Kunsill. L-Istati assoċjati jistgħu madankollu jiddeċiedu li jipparteċipaw b'mod volontarju fil-miżuri provviżorji stabbiliti b'din id-Deċiżjoni.

3.3. Prinċipju ta' sussidjarjetà

It-Titolu V tat-TFUE dwar iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti poteri dwar dawn il-kwistjonjiet. Dawn il-poteri jridu jitħaddmu skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u safejn l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Is-sitwazzjoni ta' emerġenza maħluqa mid-dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Italja u fil-Greċja kif deskritt hawn fuq tpoġġi s-sistemi tal-ażil u tar-riżorsi tagħhom taħt pressjoni konsiderevoli. Bħala konsegwenza ta' dan, Stati Membri oħra jistgħu jiġu affettwati, minħabba l-movimenti sekondarji ta' dawn il-persuni mill-Italja u mill-Greċja lejn dawn l-Istati l-oħra. Huwa ċar li l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali ma jistgħux iwieġbu b'mod sodisfaċenti għall-isfidi komuni li l-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw f'dan il-qasam. L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam hija għalhekk essenzjali.

3.4. Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-miżuri finanzjarji u operattivi differenti li ttieħdu s'issa mill-Kummissjoni Ewropea u mill-EASO sabiex jappoġġjaw is-sistemi tal-ażil tal-Italja u tal-Greċja ma rriżultawx li kienu suffiċjenti sabiex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' kriżi attwali f'dawn iż-żewġ Stati Membri. Minħabba l-urġenza u l-gravità tas-sitwazzjoni maħluqa mid-dħul deskritti hawn fuq, l-għażla għal aktar azzjoni mill-UE fir-rigward tagħhom ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv. B'mod partikolari, il-proposta tipprevedi r-rilokazzjoni fuq perjodu ta' sentejn ta' 24 000 u 16 000 applikant li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali mill-Italja u mill-Greċja rispettivament u sat-territorju ta' Stati Membri oħra. Abbażi ta' dejta statistika tal-2014 u tal-ewwel erba' xhur tal-2015, l-għadd ta' persuni li għandhom jiġu rilokati jirrappreżenta 12 % fir-rigward tal-Italja u 19 % fir-rigward tal-Greċja mill-għadd total tal-qsim irregolari tal-fruntieri lejn l-Italja u l-Greċja rispettivament.

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jifdal li jkunu applikaw jew ma jkunux applikaw għall-protezzjoni internazzjonali, jaqgħu barra l-iskema ta' rilokazzjoni u jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Italja u tal-Greċja jew tal-Istat li jkun ġie identifikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013. Fl-istess ħin, l-appoġġ ipprovdut lill-Italja u lill-Greċja mill-Istati Membri ta' rilokazzjoni huwa marbut mal-preżentazzjojni mill-Italja u mill-Greċja rispettivament, u mal-monitoraġġ mill-Kummissjoni, ta' kemm dawn il-pjanijiet direzzjonali qed jiġu rrispettati, li jinkludu miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-Italja u mill-Greċja sabiex jiġi żgurat li, wara tmiem l-applikabbiltà tal-proċedura ta' rilokazzjoni prevista f'din il-proposta, is-sistemi ta' ażil u ta' migrazzjoni tagħhom se jkunu mgħammra aħjar sabiex jittrattaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari.

3.5. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja, id-drittijiet fundamentali, kif previsti fil-Karta tad-

Drittijiet Fundamentali tal-UE, ("il-Karta") tal-applikanti li b'mod ċar jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali, se jiġu salvagwardjati

B'mod partikolari din id-Deċiżjoni, billi tiżgura aċċess rapidu lill-persuni kkonċernati għal proċedura adegwata biex jingħataw protezzjoni internazzjonali, għandha l-għan li tipproteġi d-dritt għall-ażil u li tiżgura protezzjoni kontra l-prinċipju ta' *non-refoulement*, kif previst fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta. Barra minn hekk, billi tiżgura t-trasferiment tal-persuni kkonċernati lejn Stat Membru li jkun f'pożizzjoni li jagħtihom kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza u perspettivi ta' integrazzjoni, din id-Deċiżjoni għandha l-għan li tiżgura r-rispett sħiħ għad-dritt tad-dinjità u għall-protezzjoni kontra t-tortura u t-trattament jew il-pieni inumani jew degradanti, kif previst fl-Artikoli 1 u 4 tal-Karta. Din id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan li tħares id-drittijiet tat-tfal, skont l-Artikolu 24 tal-Karta, u d-dritt għall-għaqda tal-familja, skont l-Artikolu 7 tal-Karta.

3.6. Impatt fuq il-baġit

Din il-proposta tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-Baġit tal-UE, li b'kollox jammontaw għal EUR 240 000 000.

2015/0125 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "it-Trattat"), u b'mod partikolari l-Artikolu 78(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat, f'każ li Stat Membru jew aktar iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata bi dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru(i) konċernat(i).

(2) Skont l-Artikolu 80 tat-Trattat, il-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-kontrolli fuq il-fruntieri, tal-ażil u l-immigrazzjoni u tal-implimentazzjoni tagħhom, għandhom jiġu rregolati mill-prinċipji tas-solidarjetà u tat-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, u l-atti tal-Unjoni adottati f'dan il-qasam iridu jinkludu l-miżuri xierqa sabiex dan il-prinċipju jkollu effett.

(3) Is-sitwazzjoni ta' kriżi reċenti fil-Mediterran xprunat lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex minnufih jirrikonoxxu l-flussi migratorji eċċezzjonali f'dan ir-reġjun, u biex isejħu għal miżuri konkreti ta' solidarjetà mal-Istati Membri tal-ewwel art. B'mod partikolari, f'laqgħa konġunta tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin u tal-Intern fl-20 ta' April 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' għaxar punti għal azzjonijiet immedjati li għandhom jittieħdu b'rispons għal din il-kriżi, inkluż l-impenn li jiġu kkunsidrati opzjonijiet għall-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' April 2015, il-Kunsill Ewropew iddeċieda, *inter alia*, li jsaħħaħ is-solidarjetà u r-responsabbiltà interni, u impenja ruħu b'mod partikolari biex iżid l-għajnuna ta' emerġenza lill-Istati Membri tal-ewwel art, kif ukoll li jikkunsidra opzjonijiet sabiex tiġi organizzata r-rilokazzjoni ta' emerġenza bejn l-Istati Membri fuq bażi volontarja u biex jintbagħtu gruppi mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) fl-Istati Membri tal-ewwel art għal ipproċessar konġunt tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi r-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba'.

(5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni tibbaża r-rispons tagħha għall-aħħar t-traġedji fil-Mediterran fuq is-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbilità, u biex tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam fuq l-Istati Membri li jirċievu l-ikbar għadd ta' refuġjati u applikanti għal protezzjoni internazzjonali, kemm jekk f'termini assoluti jew termini proporzjonali.

(6) Bosta Stati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' żieda sinifikanti fl-għadd totali ta' migranti, inklużi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tagħhom fl-2014 u li xi wħud għadhom qed jagħmlu hekk fl-ewwel xhur tal-2015. Lil diversi Stati Membri ingħatatilhom assistenza finanzjarja ta’ emerġenza mill-Kummissjoni Ewropea u appoġġ operattiv mill-EASO bħala għajnuna biex ilaħħqu ma’ din iż-żieda.

(7) Fost l-Istati Membri li għaddejjin minn sitwazzjoni ta’ pressjoni partikolari, u quddiem il-ġrajjiet reċenti traġiċi fil-Mediterran, l-Italja u l-Greċja b’mod partikolari esperjenzaw flussi bla preċedent ta’ migranti, inklużi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li b’mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tagħhom, u ħolqu pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u ta’ ażil tagħhom.

(8) Skont id-dejta tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex), ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant kienu ż-żoni prinċipali għall-qsim illegali tal-fruntieri fl-Unjoni, fl-2014. Fl-2014 iktar minn 170 000 migrant waslu b’mod irregolari biss biss fl-Italja, li jirrappreżentaw żieda ta’ 277 % meta mqabbel mal-2013. Kien hemm żieda kostanti wkoll fil-Greċja b’aktar minn 50 000 migrant irregolari li waslu fil-pajjiż, li jirrappreżentaw żieda ta’ 153 % meta mqabbel mal-2013. L-istatistiċi tal-ewwel xhur tal-2015 jikkonfermaw din it-tendenza ċara fir-rigward tal-Italja. Barra minn hekk, il-Greċja fl-ewwel xhur tal-2015 iffaċċjat żieda qawwija fl-għadd ta’ qsim irregolari tal-fruntieri, li tikkorrispondi għal aktar minn 50 % tal-għadd totali tal-qsim irregolari tal-fruntieri fl-2014 (kważi 28 000 fl-ewwel erba’ xhur tas-sena 2015 meta mqabbel mal-għadd totali ta’ kważi 55 000 fl-2014). Proporzjon sinifikanti min-numru totali ta’ migranti irregolari misjuba f’dawn iż-żewġ reġjuni inkluda l-migranti ta’ nazzjonalitajiet li, abbażi tad-dejta tal-Eurostat, fil-livell tal-Unjoni laħqu rata ta’ rikonoxximent għolja (fl-2014, is-Sirjani u l-Eritrej, li għalihom ir-rata ta’ rikonoxximent fil-livell tal-Unjoni hija ta' aktar minn 75 %, kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % tal-migranti irregolari fl-Italja u aktar minn 50 % minnhom fil-Greċja). Skont il-Eurostat, 30 505 Sirjani nstabu li fl-2014 kienu qegħdin b’mod irregolari fil-Greċja, meta mqabblin ma’ 8 220 fl-2013.

(9) Skont il-Eurostat, 64 625 persuna applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Italja fl-2014, meta mqabblin mas-26 920 tal-2013 (jiġifieri żieda ta’ 143 %). Il-Greċja rat żieda iżgħar fl-għadd ta’ applikazzjonijiet, b’9 430 applikant (jiġifieri żieda ta’ 15 %).

(10) Skont id-dejta tal-Frontex, rotta migratorja importanti oħra lejn l-Unjoni fl-2014 kienet ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, bi 43 357 qasma irregolari tal-fruntieri. Madankollu, il-maġġoranza tal-migranti li jużaw ir-rotta tal-Balkani mhumiex, *prima facie,* fil-bżonn ta’ protezzjoni internazzjonali, b'51 % tal-wasliet ikunu Kosovari.

(11) Sa issa ttieħdu ħafna azzjonijiet sabiex jingħata appoġġ lill-Italja u l-Greċja fil-qafas tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil, inkluż billi jiġu mogħtija assistenza ta’ emerġenza sostanzjali u appoġġ operattiv mill-EASO. L-Italja u l-Greċja kienu t-tieni u t-tielet l-akbar benefiċjarji tal-fondi mħallsa matul il-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali “Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta’ Migrazzjoni" (SOLID), u barra minn hekk irċevew finanzjament ta' emerġenza sostanzjali. L-Italja u l-Greċja se jkomplu jkunu l-benefiċjarji ewlenin tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) matul l-2014-2020.

(12) Minħabba l-instabbiltà u l-kunflitti li għadhom għaddejjin fil-viċinat immedjat tal-Italja u tal-Greċja, huwa probabbli ħafna li jibqa' jkun hemm pressjoni sinifikanti u akbar fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u ta' ażil tagħhom, b’parti sinifikanti mill-migranti li jistgħu jkunu jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali. Dan juri l-ħtieġa kritika li

tintwera solidarjetà mal-Italja u l-Greċja u li l-azzjonijiet li ttieħdu s'issa jiġu kkumplimentati sabiex jingħataw appoġġ b'miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.

(13) Fl-istess ħin, l-Italja u l-Greċja għandhom jipprovdu soluzzjonijiet strutturali sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-funzjonament tas-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni tagħhom. Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom għalhekk jimxu id f'id mat-twaqqif mill-Italja u l-Greċja ta' qafas strateġiku u solidu li jirreaġixxi għas-sitwazzjoni ta' kriżi u li jintensifika l-proċess ta' riforma li għaddej bħalissa f'dawn l-oqsma. F'dan ir-rigward, l-Italja u l-Greċja għandhom kull wieħed fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, jippreżentaw pjan direzzjonali lill-Kummissjoni, li għandu jinkludi miżuri adegwati fil-qasam tal-ażil, l-ewwel akkoljenza u r-ritorn, it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tagħhom f'dawn l-oqsma, kif ukoll miżuri sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni adegwata ta' din id-Deċiżjoni sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar, wara t-tmiem tal-applikabbiltà ta' din id-Deċiżjoni, mal-possibbiltà ta' iktar dħul ta' migranti fit-territorji tagħhom.

(14) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissospendi, fejn ikun adegwat, l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għal tul ta' żmien limitat meta l-Italja jew il-Greċja ma jirrispettawx l-impenji tagħhom f'dan ir-rigward.

(15) Jekk Stat Membru apparti l-Italja jew il-Greċja jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' emerġenza simili kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dan l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

(16) F'konformità mal-Artikolu 78(3) tat-Trattat, il-miżuri previsti għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja għandhom ikunu ta' natura provviżorja. Huwa raġonevoli perjodu ta' 24 xahar sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkollhom impatt reali bħala appoġġ għall-Italja u għall-Greċja sabiex jittrattaw flussi migratorji sinifikanti fit-territorji tagħhom.

(17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jinvolvu deroga temporanja mill-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] u mill-passi proċedurali, inklużi l-limiti ta' żmien, stabbiliti fl-Artikoli 21, 22 u 29 ta' dan ir-Regolament.

(18) Kellha ssir għażla fir-rigward tal-kriterju li kellu jiġi applikat meta kellu jiġi deċiż min u kemm-il appplikant għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Hija prevista sistema ċara u li tiffunzjona bbażata fuq il-limitu tar-rata medja, fil-livell tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali fil-proċeduri waqt l-ewwel istanza kif definiti mill-Eurostat mill-ammont totali, fil-livell tal-Unjoni, ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-ażil għall-protezzjoni internazzjonali meħuda fl-ewwel istanza abbażi tal-aħħar statistiċi disponibbli. Minn naħa, dan il-limitu għandu jiżgura kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti kollha li x'akarx li jeħtieġu l-aktar protezzjoni internazzjonali jkunu f'pożizzjoni li jgawdu b'mod sħiħ u malajr id-drittijiet tagħhom ta' protezzjoni fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Min-naħa l-oħra,

7 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

għandu jimpedixxi, kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti li x'aktarx probabbli tingħatalhom deċiżjoni negattiva rigward l-applikazzjoni tagħhom ma jiġux rilokati fi Stat Membru ieħor, u għaldaqstant itawlu b'mod mhux dovut il-permanenza tagħhom fl-Unjoni. Abbażi tad-dejta tal-Eurostat għall-2014 dwar id-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza, il-limitu ta' 75 %, li f'din is-sena jikkorrispondi għal deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' Sirjani u Eritrej, għandu jintuża f'din id-Deċiżjoni.

(19) Il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex itaffu l-pressjoni tal-ażil sinifikanti minn fuq l-Italja u l-Greċja, b'mod partikolari billi jiġu rilokati għadd kbir ta' applikanti, li b'mod ċar għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tal-Italja u l-Greċja wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli. Abbażi tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014, u l-għadd ta' dawk li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, it-total ta' 40 000 applikant li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Dan l-għadd jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 40 % tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014. Għaldaqstant, il-miżura ta' rilokazzjoni proposta f'din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qsim ġust tal-piż bejn l-Italja u l-Greċja fuq naħa waħda, u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. Abbażi tal-istess ċifri globali disponibbli fl-2014 u fl-ewwel erba' xhur tas-sena tal-2015, tal-Italja meta mqabbla mal-Greċja, 60 % ta' dawn l-applikanti għandhom jiġu rilokati mill-Italja u 40 % mill-Greċja.

(20) B'konformità mal-Anness tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[8], il-gwida għat-tqassim proposta għandha tkun ibbażata fuq a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 40 %), b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta' 40 %), c) in-numru medju ta' applikazzjonijiet spontanji għall-ażil u l-għadd ta' refuġjati risistemati għal kull miljun abitant tul il-perjodu 2010-2014 (ponderazzjoni ta' 10 %) u d) ir-rata tal-qgħad (ponderazzjoni ta' 10 %). Il-gwidi għat-tqassim stipulati fl-Anness I u II ta' din id-Deċiżjoni jieħdu inkonsiderazzjoni l-fatt li l-Istati Membri li ssir ir-rilokazzjoni minn għandhom huma stess ma għandhomx jikkontribwixxu bħala Stat Membru ta' rilokazzjoni.

(21) Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] jipprovdi appoġġ għal operazzjonijiet ta' qsim tal-piżijiet maqbula bejn l-Istati Membri, u huwa miftuħ għal żviluppi ġodda ta' politika f'dan il-qasam. L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplimentaw azzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibilità ta' somma f'daqqa ta' EUR 6 000 għat-trasferiment ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru ieħor.

(22) Bil-ħsieb li jiġi implimentat il-prinċipju ta' solidarjetà u ta' kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, u meta jitqies li din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta' politika f'dan il-qasam, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Istati Membri li jirrilokaw l-

---

[8] COM (2015) 240 finali.

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

applikanti li jeħtieġu b'mod ċar protezzjoni internazzjonali mill-Italja jew mill-Greċja skont din id-Deċiżjoni, jirċievu somma f'daqqa għal kull persuna rilokata li hija identika għas-somma f'daqqa previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 u implimentata billi jiġu applikati l-istess proċeduri. Dan jinvolvi deroga limitata, temporanja, mill-Artikolu 18 tar-Regolament 516/2014, peress li s-somma f'daqqa għandha titħallas fir-rigward tal-applikanti rilokati aktar milli fir-rigward ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Estensjoni temporanja tal-ambitu tal-benefiċjarji potenzjali għas-somma f'daqqa jidher tabilħaqq parti integrali mill-iskema ta' emerġenza stabbilita b'din id-Deċiżjoni.

(23) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li tiġi stabbilita proċedura rapida ta' rilokazzjoni u li l-implimentazzjoni tal-miżuri provviżorji tkun akkumpanjata minn kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib bejn l-Istati Membri u minn appoġġ operattiv li jingħata mill-EASO.

(24) Is-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul il-proċedura ta' rilokazzjoni, sakemm it-trasferiment tal-applikant jiġi implimentat.

(25) Meta jkun qed jiġi deċiż liema applikanti, li jeħtieġu b'mod ċar il-protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja, għandha tingħata prijorità lil applikanti vulnerabbli skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. F'dan ir-rigward, il-bżonnijiet speċjali tal-applikanti, inkluża s-saħħa, għandhom jingħataw l-ewwel l-importanza. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom dejjem jiġu kkunsidrati l-ewwel.

(26) Barra minn hekk, sabiex jiġi deċiż liema Stat Membru speċifiku għandu jkun l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika lill-kwalifiki speċifiċi, tal-applikanti kkonċernati, li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni, bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi tagħhom. Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti partikolarment vulnerabbli, għandu jitqies x'kapaċità għandu l-Istat Membru ta' rilokazzjoni biex jagħti l-appoġġ adegwat lil dawn l-applikanti.

(27) Il-ħatra mill-Istati Membri ta' uffiċjali ta' kollegament fl-Italja u l-Greċja għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-proċedura ta' rilokazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni xierqa tal-applikanti li għandhom jiġu rilokati, billi b'mod partikolari jiġu kkunsidrati l-vulnerabbiltà u l-kwalifiki tagħhom.

(28) Is-salvagwardji legali u proċedurali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' applikanti li huma koperti minn din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni u nnotifikati bid-deċiżjoni ta' rilokazzjoni. Meta jiġi kkunsidrat li l-applikant ma għandux id-dritt, skont il-liġi tal-UE, li jagħżel l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tiegħu, l-applikant, għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' rilokazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, bil-għan biss li d-drittijiet fundamentali tiegħu jiġu rrispettati.

(29) L-applikanti, qabel u wara ma jiġu ttrasferiti lill-Istati Membri ta' rilokazzjoni, għandhom igawdu d-drittijiet u l-garanziji stabbiliti fid-Direttiva tal-

[10] Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

Kunsill 2003/9/KE[11] u fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE[12], u, b'effett mill-20 ta' Lulju 2015 fid-Direttiva 2013/33/UE u fid-Direttiva 2013/32/UE[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż fir-rigward tal-ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċjali tagħhom. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000[14] u, mill-20 ta' Lulju 2015, ir-Regolament (UE) Nru 603/2013[15] jibqgħu applikabbli fir-rigward ta' applikanti li huma koperti minn din id-Deċiżjoni.

(30) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitati l-movimenti sekondarji ta' persuni rilokati mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni lejn Stati Membri oħra. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-konsegwenzi ta' moviment ulterjuri fi ħdan l-Istati Membri u tal-fatt li, jekk l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jagħtihom protezzjoni internazzjonali, fil-prinċipju, huma biss intitolati għad-drittijiet marbutin mal-protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru.

(31) Ġaladarba l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu għalkollox mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

(32) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta.

(33) [Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

JEW

(34) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri

---

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18).

12 Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat, (ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13).

13 Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

15 Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.06.2013, p. 1).

mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

JEW

(35) [F'konformità mal-Artikoli 1, u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(36) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (, permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

JEW

(37) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika (permezz tal-ittra ta' ...,) ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

(38) F'konformità mal-Artikoli 1, u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

(39) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(40) Minħabba l-urġenza li titlob is-sitwazzjoni, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja sabiex jiġu megħjuna jiffaċċjaw is-sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata mid-dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'dawn l-Istati Membri.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet segwenti:

(a) "applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali" tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definita fil-punt (h) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16];

(b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(c) "protezzjoni internazzjonali" tfisser status ta' refuġjat u status ta' protezzjoni sussidjarja kif definiti fil-punti (e) u (g) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE;

(d) "membri tal-familja" tfisser il-membri tal-familja kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(e) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' applikant mit-territorju tal-Istat Membru li l-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 jindikawh bħala responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni;

(d) "Stat Membru ta' rilokazzjoni" tfisser l-Istat Membru li jsir responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 ta' applikant wara r-rilokazzjoni tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Ir-rilokazzjoni sseħħ biss fir-rigward ta' applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali tiġi eżaminata, fil-prinċipju, mill-Italja u l-Greċja skont il-kriterji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

2. Ir-rilokazzjoni skont din id-Deċiżjoni tiġi applikata biss fir-rigward ta' applikanti li jagħmlu parti minn nazzjonalitajiet li għalihom, skont l-aħħar dejta tal-Eurostat disponibbli bħala medja għall-UE kollha, il-proporzjon tad-deċiżjonijiet li jagħtu l-protezzjoni internazzjonali minn fost id-deċiżjonijiet meħuda fl-ewwel istanza dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, kif imsemmi fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2013/13/UE, huwa ta' 75 % jew aktar. Fil-każ ta' persuni apolidi, il-pajjiż li qabel kien ir-residenza abitwali tagħhom jiġi kkunsidrat.

Artikolu 4

Gwida għat-Tqassim

1. Mal-24 000 applikant se jiġu rilokati mill-Italja għal territorju ta' Stati Membri oħra kif stabbilit fl-Anness I.

2. Mas-16 000 applikant se jiġu rilokati mill-Italja għal territorju ta' Stati Membri oħra kif stabbilit fl-Anness II.

---

[16] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

Artikolu 5

Proċedura ta' rilokazzjoni

1. Minħabba l-koperazzjoni amministrattiva meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni, kull Stati Membru jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali, li jikkomunika l-indirizz tiegħu lill-Istati Membri l-oħra u lill-EASO. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-EASO, jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni diretta u tinqasam l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Italja u l-Greċja jidentifikaw, f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, bl-assistenza tal-EASO u, fejn applikabbli, tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 8, l-applikanti individwali li għandhom jiġu rilokati fl-Istati Membri l-oħra, u jikkomunikaw lill-punti ta' kuntatt ta' dawn l-Istati Membri u li l-EASO l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati. Għal dan l-għan tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/33/UE.

3. L-Istati Membri, malajr kemm jista' jkun wara li jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jindikaw l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati immedjatament fit-territorju tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, skont l-għadd stabbilit fl-Anness I u fl-Anness II rispettivament.

4. Abbażi tal-informazzjoni li tasal skont il-paragrafu 3, l-Italja u l-Greċja jieħdu deċiżjoni malajr kemm jista' jkun, biex jirrilokaw kull wieħed mill-applikanti identifikati fi Stat Membru ta' rilokazzjoni speċifiku, u jinnotifikaw lill-applikant skont l-Artikolu 6(4).

5. L-applikanti li jkun jeħtieġ li jittieħdulhom il-marki tas-swaba' skont l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, jistgħu jiġu rilokati biss jekk ikunu ttieħdulhom il-marki tas-swaba'.

6. It-trasferiment tal-applikant għat-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jsir kemm jista' jkun malajr wara d-data tan-notifika rigward id-deċiżjoni tat-trasferiment imsemmija fl-Artikolu 6(4).

7. L-Istati Membri jżommu d-dritt li jirrifjutaw li jirrilokaw applikant li dwaru jkun hemm tħassib għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku.

8. Sabiex jiġu implimentati l-aspetti kollha tal-proċedura ta' rilokazzjoni deskritta f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jibagħtu l-Italja u l-Greċja l-uffiċjali ta' kollegament.

9. Il-proċedura ta' rilokazzjoni prevista f'dan l-Artikolu ma tiħux aktar minn xahar minn meta jiġu identifikati l-applikanti speċifiċi li għandhom jiġu rilokati, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Drittijiet u obbligi tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali koperti b'din id-Deċiżjoni

1. L-aħjar interessi tat-tfal ikunu l-ewwel ħaġa li jqisu l-Istati Membri meta jimplimentaw din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri jiżguraw li membri tal-familja li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jiġu rilokati fit-territorju tal-istess Stat Membru.

3. Qabel id-deċiżjoni biex jiġi rilokat applikant, l-Italja u l-Greċja jinfurmaw lill-applikant f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa raġonevolment maħsub li jifhem, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulata f'din id-Deċiżjoni.

4. Meta tittieħed id-deċiżjoni li applikant jiġi rilokat, u qabel ir-rilokazzjoni effettiva, l-Italja u l-Greċja jinnotifikaw bil-miktub lill-persuna kkonċernata dwar id-deċiżjoni li jirrilokawha. Din id-deċiżjoni tispeċifika l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

5. Applikant jew benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali li jidħol fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, mingħajr ma jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet biex joqgħod f'dak l-Istat Membru l-ieħor, ikun obbligat jerġa' jmur lura immedjatament u jittieħed lura mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] rispettivament.

Artikolu 7

Appoġġ operattiv għall-Italja u l-Greċja

L-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali lill-Italja u l-Greċja permezz tal-attivitajiet rilevanti kkoordinati mill-EASO u minn Aġenziji rilevanti oħra, b'mod partikolari billi jipprovdu, meta jkun meħtieġ, esperti nazzjonali għall-attivitajiet ta' appoġġ li ġejjin:

(a) l-iskrijnjar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu l-Italja u l-Greċja, inklużi l-identifikazzjoni ċara tagħhom, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

(b) l-ipproċessar inizjali tal-applikazzjonijiet;

(c) l-għoti, lill-applikanti jew lill-applikanti potenzjali li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rilokazzjoni skont din id-Deċiżjoni, ta' informazzjoni u assistenza speċifika li huma jista' jkollhom bżonn;

(d) l-implimentazzjoni tat-trasferiment tal-applikanti għall-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

Artikolu 8

Miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu mill-Italja u mill-Greċja

1. L-Italja u l-Greċja jippreżentaw it-tnejn li huma pjan direzzjonali lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, li jkun jinkludi miżuri adegwati fil-qasam tal-ażil, l-ewwel akkoljenza u r-ritorn, it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tagħhom f'dawn l-oqsma, kif ukoll miżuri sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata ta' din id-Deċiżjoni. L-Italja u l-Greċja jimplimentaw bis-sħiħ dan il-pjan direzzjonali.

2. Jekk l-Italja jew il-Greċja ma jikkonformawx mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi din id-Deċiżjoni fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal darba li testendi din is-sospensjoni għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Artikolu 9

Is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza fl-Istati Membri ta' rilokazzjoni

F'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru ta' rilokazzjoni, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu,

17 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dan l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Appoġġ finanzjarju

L-Istat Membru ta' rilokazzjoni jirċievi s-somma f'daqqa ta' EUR 6 000 għal kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali, rilokat skont din id-Deċiżjoni. Dan l-appoġġ finanzjarju jiġi implimentat billi jiġu applikati l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

Artikolu 11

Rapporti

L-Italja u l-Greċja kull tliet xhur jagħmlu rapport lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-pjanijiet direzzjonali msemmija fl-Artikolu 8.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Din tapplika sa [*24 xahar mid-dħul fis-seħħ*].

3. Dan japplika għal persuni li jaslu fit-territorju tal-Italja u l-Greċja mill-[*il-ĠU se jissostitwixxi din bid-data eżatta tad-dħul fis-seħħ*] sa [*il-ĠU se jissostitwixxi din bid-data eżatta tad-dħul fis-seħħ miżjuda b'24 xahar*], kif ukoll għall-applikanti li jkunu waslu fit-territorju ta' dawn l-Istati Membri mill-15 ta' April 2015 'il quddiem.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President